# Rakkomandazzjoni tal-EBA dwar l-użu tal-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI)

## Status ta' din ir-Rakkomandazzjoni

Dan id-dokument fih Rakkomandazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE ('ir-Regolament tal-EBA')[1]. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mar-Rakkomandazzjoni.

Ir-Rakkomandazzjoni tindika l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja u kif il-liġi tal-Unjoni Ewropea għandha tkun applikata f'qasam partikolari. L-EBA, għalhekk, tistenna li l-awtoritajiet kompetenti kollha li lilhom hija indirizzata r-Rakkomandazzjoni jikkonformaw magħha. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom tapplika r-Rakkomandazzjoni għandhom jikkonformaw billi jinkorporawha fil-prattiki superviżorji tagħhom kif jixraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi ta' superviżjoni tagħhom), inkluż fejn ir-Rakkomandazzjoni hija diretta primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' Rapportar

Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA jekk jikkonformawx jew jekk ikunux biħsiebhom jikkonformaw ma' din ir-Rakkomandazzjoni, jew xort'oħra bir-raġunijiet għal nuqqas ta' konformità, sad-29.03.2014. Fin-nuqqas ta' notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti li naqsu milli jipprovdu n-notifika jitqiesu mill-EBA li ma jikkonformawx. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tkun sottomessa l-formola pprovduta fit-Taqsima 5 lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/REC/2014/01'. In-notifiki għandhom ikunu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

In-notifiki ser jiġu ppubblikati fil-websajt tal-EBA, skont l-Artikolu 16(3).

[1] ĠU L 331, 15.12.2010, pġ. 12.

## Titolu I - Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din ir-Rakkomandazzjoni tfittex li tistabbilixxi prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi billi tarmonizza l-identifikazzjoni tal-entitajiet ġuridiċi meta tiġi provduta informazzjoni lill-EBA mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 35 tar-Regolament tal-EBA, sabiex tkun żgurata dejta ta' kwalità għolja, affidabbli u komparabbli.

2. Ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(1)(40) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013[2] .

## Titolu II- Rekwiżiti rigward l-użu tal-(pre-) LEIs

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu li l-istituzzjonijiet kollha taħt il-mandat superviżorju tagħhom li huma soġġetti għall-obbligi ta' rapportar skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiksbu kodiċi maħruġ minn pre-LOU approvat mir-ROC (kodiċi pre-LEI). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu li dawn l-istituzzjonijiet kollha jiksbu kodiċi pre-LEI għall-entitajiet kollha fi ħdan il-grupp tagħhom li dwaru hi meħtieġa informazzjoni skont l-obbligi ta' rapportar tagħhom.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li istituzzjonijiet taħt il-mandat superviżorju tagħhom talbu l-kodiċijiet pre-LEI msemmija fil-paragrafu (3), kif ġej:

    - għall-istituzzjonijiet li għalihom huwa meħtieġ li l-informazzjoni tiġi trasmessa lill-EBA fil-kuntest tal-ITS u skont id-Deċiżjoni tal-EBA Nru 90/2013 dwar ir-rapportar lill-EBA sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2014;

    - għall-istituzzjonijiet l-oħra kollha sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu istruzzjonijiet dwar kif l-istituzzjonijiet imsemmija fil-Paragrafu (3) għandhom jużaw il-kodiċijiet pre-LEI b'mod konsistenti meta jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li huma jipprovdu lill-EBA dwar l-istituzzjonijiet imsemmija fil-Paragrafu (3), inkluż informazzjoni rigward entitajiet fi ħdan dawn il-gruppi tal-istituzzjonijiet, ikun fiha l-kodiċijiet pre-LEI miksuba skont din ir-Rakkomandazzjoni.

## Titolu III – Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni

7. Din ir-Rakkomandazzjoni se tibda tapplika mill-31.01.2014.

---

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, pġ. 1).